VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,356, 12 ta' Diċembru, 2014*
*Taqsima B*

**A.L. 451 tal-2014**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-GradI ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons) – u tal-Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons) – u l-Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM. - taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod'ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons) – jew il-grad ta' Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-gradi ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons) – jew għall-grad ta' Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM.; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

**L-Oqsma ta' Studju**

3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons) - jingħata skont dawn l-ordinamenti fin-Knowledge and Information Management bħala l-qasam ta' studju prinċipali bl-unuri flimkien ma' qasam ta' studju sussidjarju.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM. - jingħata skont dawn l-ordinamenti f'żewġ oqsma ta' studju prinċipali ordinarji, li wieħed minnhom għandu jkun in-Knowledge and Information Management.

(3) Il-Bord iħabbar l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu man-Knowledge and Information Management fil-Grad qabel il-bidu tal-Kors.

4. L-applikanti huma meħtieġa jindikaw l-għażla tal-oqsma ta' studju fiż-żmien meta japplikaw għad-dħul.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul fil-Kors**

5. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

**It-Tul tal-Kors**

6. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time.*

**Il-Programm tal-Kors**

7. Il-Kors jikkonsisti f'żewġ partijiet.

8. (1) L-Ewwel Parti għandha tikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS.

(2) Fl-aħħar tal-Ewwel Parti tal-Kors, l-istudenti li jiksbu marka medja ta':

VERŻJONI ELETTRONIKA



(a) 65% jew aħjar fil-qasam ta' studju tan-Knowledge and Information Management, u

(b) 60% jew aħjar fit-taqsimiet studju kollha tal-Ewwel Parti, għandhom ikunu eliġibbli biex ikomplu għal-grad ta' Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons).

9. It-Tieni Parti għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu ECTS.

10. (1) Il-Bord jippubblika l-programmi ta' studju tan-Knowledge and Information Management imfassla skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u kif approvati mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord jista' jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programmi ta' studju u fil-programmi ta' studju tal-oqsma l-oħra li qegħdin isegwu għall-Grad.

(2) Il-programmi ta' studju għall-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu man-Knowledge and Information Management fil-Kors għandhom ikunu dawk ippubblikati mill-Bord tal-entità akkademika responsabbli għall-qasam ta' studju.

11. (1) L-istudenti fil-kors tal-Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons) - ikunu meħtieġa jirreġistraw u jiksbu l-kretti għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu ECTS, li minnhom mhux anqas minn 132 krettu ECTS għandhom ikunu fil-qasam tan-Knowledge and Information Management u mhux anqas minn 36 krettu ECTS għandhom ikunu fil-qasam ta' studju sussidjarju.

(2) L-istudenti fil-kors tal-Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM. - ikunu meħtieġa jirreġistraw u jiksbu l-kretti għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu ECTS, li minnhom mhux anqas minn 80 krettu ECTS għandhom jinkisbu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

12. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Bachelor of Knowledge and Information Management (Honours) – B.KIM. (Hons) - għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull waħda mill-aħħar sentejn tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

| | |
|---|---|
| Marka Medja tat-Tieni Sena | 40% |
| Marka Medja tat-Tielet Sena | 60%. |

(2) Il-punteġġ medju tat-tielet sena għandu jkollu piż ta' 30% attribwiti lit-taqsimiet studju mgħallma u 70% attribwiti lid-dissertazzjoni u lit-taqsimiet studju sinottiċi.

VERŻJONI ELETTRONIKA



13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Bachelor of Knowledge and Information Management – B.KIM. - għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

| | |
|---|---|
| Marka Medja tal-Ewwel Sena | 25% |
| Marka Medja tat-Tieni Sena | 25% |
| Marka Medja tat-Tielet Sena (eskluż it-taqsimiet studju sinottiċi) | 25% |
| Taqsimiet Studju Sinottiċi | 25%. |